MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 176/2012

**AB**
**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi il-partijiet izzewgu fis-6 ta’ Gunju 2002 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dottor Liza Camilleri tal-21 Dicembru 2004 Dokument “A”;

3. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u rabtiet b’familja ohra;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat artikolu numru 4 l-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu/dritt illi imantnu lil xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Dicembru 2004;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu illi imantnu lil xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------